32006R1468

L 274/6 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 5.10.2006

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1468/2006

tal-4 ta' Ottubru 2006

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 595/2004 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1788/2003 li jistabbilixxi levy fil-qasam tal-ħalib u l-prodotti mill-ħalib

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1788/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi taxxa fil-qasam tal-ħalib u l-prodotti mill-ħalib[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3) u 24 tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex jiżgura l-implimentazzjoni armonizzata tar-regoli dwar il-perjodu ta' avviż u l-kondizzjonijiet għat-tneħħija tal-kwantità ta' referenza individwali jew approvazzjoni li hemm ipprovdut għalihom fl-Artikoli 8(4) u 11(4) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 595/2004[2], id-dispożizzjonijiet relevanti jeħtieġu li jiġu ċċarati. Barra minn hekk, biex titħaffef it-tmexxija mill-Istati Membri d-dati ta' skadenza stabbiliti f'dawk l-artikoli għandhom bżonn jiġu adattati.

(2) L-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 595/2004 jipprovdi għall-mod kif għandu jitqies il-kontenut tax-xaħam fil-ħalib meta tkun qed titfassal id-dikjarazzjoni definittiva tal-kwantitajiet. L-esperjenza turina li xi produtturi li għandhom ir-referenza tal-kontenut tax-xaħam għoli ħafna u mhux rappreżentattiv tal-merħla u l-produzzjoni tal-ħalib jistgħu jibbenefikaw minn korrezzjoni sinifikant tax-xaħam. Għalhekk, sabiex ikun evitat l-użu inġust tal-mekkaniżmu tal-korrezzjoni tax-xaħam, għandu jiġi stabbilit limitu għall-korrezzjoni negattiva tax-xaħam. Madankollu huwa xieraq li tiġi applikata din id-dispożizzjoni mill-perjodu ta' tnax-il xahar, kif imsemmi fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament (KE) Nru 1788/2003, li jibda fl-1 ta' April 2007 sabiex il-kwantitajiet tal-ħalib kummerċjalizzati matul it-tnax-il xahar kurrenti ma jiġux affettwati bil-ftehim il-ġdid.

---

[1] ĠU L 270, 21.10.2003, p. 123. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) No 2217/2004 (ĠU L 375, 23.12.2004, p. 1).

[2] ĠU L 94, 31.3.2004, p. 22.

(3) Skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1788/2003 kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1406/2006 d-dazju dovut għandu jitħallas mill-Istati Membri fil-perjodu bejn is-16 ta' Ottubru u t-30 ta' Novembru ta' kull sena. B'hekk id-data ta' skadenza stabbilita fl-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 595/2004 fejn id-dazju dovut lill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) irid jitħallas u jiġi ddikkjarat għandha titbiddel.

(4) L-Artikolu 26(3) tar-Regolament (KE) Nru 595/2004 jipprovdi għal aġġornament tal-kwestjonarju fl-Anness I ta' dak ir-Regolament, kompletat kif suppost skont l-artikolu 8(2)(b) tar-Regolament (KE) Nru1788/2003, għandu jiġi kkomunikat lill-Kummissjoni qabel l-1 ta' Diċembru, l-1 ta' Marzu, l-1 ta' Ġunju u l-1 ta' Settembru kull sena. Dan it-tip ta' aġġornamenti jistgħu jwasslu għal ammont differenti ta' dazju dovut. Għalhekk għandu jiġi stabbilit il-mod kif l-ammonti aġġustati dovuti lill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1788/2003 jridu jkunu ddikkjarati.

(5) Skont l-Artikolu 16(1) tar-Regolament (KE) Nru 595/2004, l-Istati Membri jiddeterminaw il-kategoriji ta prijorità tal-produtturi għad-distribuzzjoni mill-ġdid tad-dazju żejjed abbażi ta' wieħed jew aktar kriterji objettivi. L-esperjenza turi li l-Istati Membri jeħtieġu aktar ċarezza u flessibbiltà għad-definizzjoni tal-kategoriji ta' prijorità.

(6) Skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1788/2003, l-Istati Membri għandhom iħallsu d-dazju lill-FAEG sal-limitu ta' 99% mill-ammont dovut. F'każijiet fejn l-aħħar 1% ma jkunx kompletament meħtieġ għal każijiet ta' falliment jew ta' inabbiltà definittiva ta' ċerti produtturi li jħallsu d-dazju, l-Istati Membri għandhom jitħallew jużaw l-ammont li jifdal skont il-kriterji għad-distribuzzjoni tad-dazju żejjed kif provdut fl-Artikolu 13(1) ta' dak ir-Regolament.

(7) Skont l-Artikolu 24(6) tar-Regolament (KE) Nru 595/2004 produtturi li jagħmlu bejgħ direct għandhom iżommu disponibbli r-reġistri kollha dwar ħalib u prodotti tal-ħalib li ġew magħmula inklużi dawk li saru imma la nbiegħu u lanqas ġew trasferiti. Dawn ir-rekwiżiti ta' kontabilità huma kkunsidrati sproporzjonati għal uħud mill-bejjiegħa diretti żgħar li jagħmlu kwantitajiet ċkejknin ta' inqas mill-ekwivalent ta' 5,000 kg ħalib. Għalhekk dawn il-produtturi għandhom ikunu eżentati mill-obbligu li joqogħdu jżommu reġistri tal-ħalib jew prodotti tal-ħalib li ma jinbigħux jew ma jiġux trasferiti.

(8) Ir-Regolament (KE) Nru 595/2004 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(9) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-ħalib u l-Prodotti tal-ħalib,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 595/2004 għandu jiġi emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 8, il-paragrafu 4 jinbidel b'dan li ġej:

"4. Fejn ma tintbagħat l-ebda dikjarazzjoni qabel il-15 ta' Ġunju, l-Istati Membri għandhom fi żmien 15-il jum ta' xogħol javżaw b'mod formali lix-xerrej biex jibgħat din id-dikjarazzjoni fi żmien 15-il jum. Meta ma tiġi sottomessa l-ebda dikjarazzjoni fl-aħħar ta' dak il-perjodu, l-Istati Membri għandhom jew jirtiraw l-approvazzjoni jew jeħtieġu ħlas ta' ammont fi proporzjon għall-volum ta' ħalib involut u s-serjetà tal-irregolarità.

Il-paragrafu 3 għandu jkompli japplika matul il-perjodu tal-avviż."

(2) Fl-Artikolu 10, paragrafu 1, jiddaħħal is-subparagrafu li ġej wara t-tielet subparagrafu:

"Fejn fl-applikazzjoni tat-tielet subparagrafu l-kwantità aġġustata tal-ħalib imwassal mill-produttur tkun ta' inqas minn 75% tal-kwantità tal-ħalib imwassal u fejn ir-referenza tal-kontenut tax-xaħam tal-produttur hija 'l fuq minn 4.5%, id-dikjarazjoni individwali għandha ssir abbażi tal-75% tal-kwantità verament imwassla."

(3) Fl-Artikolu 11, il-paragrafu 4 jinbidel b'dan li ġej:

"4. Fejn ma tintbagħat l-ebda dikjarazzjoni qabel il-15 ta' Ġunju, l-Istati Membri għandhom fi żmien 15-il jum ta' xogħol javżaw b'mod formali lill-produttur biex jibgħat id-dikjarazzjoni fi żmien 15-il jum. Fejn ma tintbagħat l-ebda dikjarazzjoni sat-tmiem ta' dan il-perjodu, ir-referenza tal-kwalità għall-bejgħ dirett tal-produttur ikkonċernat tmur lura għar-riżerva nazzjonali. L-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu għandu jkompli jgħodd matul il-perjodu tal-avviż."

(4) L-Artikolu 15 qed jinbidel b'dan li ġej:

(a) Fil-paragrafi 1 u 2, il-kelma "Settembru" titbiddel f'"Ottubru";

(b) Il-paragrafu 3 qed jitbiddel b'dan li ġej:

"3. L-Istati Membri għandhom jiddikjaraw lill-Fond Agrikolu Ewropew dwar Garanzija (FAEG) l-ammonti li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1788/2003 flimkien man-nefqa ddikjarata fir-rigward ta' Novembru ta' kull sena.

Fejn skont l-Artikolu 26(3) ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri jikkomunikaw dwar aġġornament fil-kwestjonarju kif maħsub f'paragrafu 1 ta' dak l-Artikolu, l-ammonti aġġustati li jirriżultaw għandhom ikunu ddikjarati lill-FAEG flimkien mal-infiq iddikjarat dwar ix-xahar qabel ma jintbagħat il-kwestjonarju."

(5) L-Artikolu 16 jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 16

Kriterji għal taqsim ġdid mod ieħor tal-imposta ż-żejda

1. Meta jkun xieraq, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-kategoriji ta' prijorità tal-produtturi msemmija fl-Artikolu 13(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1788/2003, fuq il-bażi ta' wieħed jew aktar mill-kriterji oġġettivi li ġejjin:

   (a) rikonoxximent formali mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li l-imposta kollha jew parti minnha kienet iddebitata b'mod ħażin;

   (b) il-lokalità ġeografika tal-azjenda, u primarjament żoni tal-muntanji fis-sens tal-Artikolu 18 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999(*);

   (ċ) id-densità massima tal-istokk tal-azjenda għall-iskop ta' produzzjoni estensiva tal-bhejjem;

   (d) il-kwantità ta' referenza individwali tinqabeż b'inqas minn 5% jew inqas minn 15,000 kg, skont liema jkun l-inqas;

   (e) il-livell tal-kwantità ta' referenza individwali ikun inqas minn 50% tal-medja nazzjonali ta' kwantità ta' referenza individwali;

   (f) kriterji objettivi oħra adottati mill-Istat Membru wara li jikkonsulta mal-Kummissjoni.

2. It-taqsim ġdid mod ieħor tal-imposta ż-żejda għandu jitlesta ħmistax-il xahar wara t-tmiem tal-perjodu ta' tnax-il xahar li ssemma mill-aktar tard.

(*) ĠU L 160, 26.6.1999, p. 80."

(6) L-Artikolu 16*a* li ġej qed jiddaħħal:

"Artikolu 16a

L-użu ta' 1% dazju li ma jitħallasx lill-FAEG

Fejn skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1788/2003, id-dazju ta' 1% li ma jitħallasx lill-FAEG jaqbeż l-ammont meħtieġ biex ikopri l-każijiet ta' falliment jew inabbiltà definittiva biex ċerti produtturi jħallsu d-dazju, l-Istati Membri jistgħu jużaw iż-żejjed skont l-Artikolu 13(1) ta' dak ir-Regolament."

(7) Fl-Artikolu 24(6), l-ewwel subparagrafu qed jitbiddel b'dan li ġej:

Il-produtturi li jagħmlu l-bejgħ dirett għandu jkollhom disponibbli għall-awtorità kompetenti tal-Istat Membru, għal mill-anqas tliet snin mit-tmiem tas-sena li fiha tfasslu d-dokumenti, ir-reġistrazzjoni tal-ħażniet imfassla għall-perjodu ta' 12-il xahar u jagħtu dettalji, għal kull xahar u għal kull prodott, ta' kull bejgħ jew trasferiment ta' ħalib jew prodotti tal-ħalib.

Il-produtturi li jkollhom kwantità ta' referenza individwali ta' bejgħ dirett ta' 5,000 kg jew aktar għandhom iżommu reġisti tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib li ġew prodotti imma mhux mibjugħa jew trasferiti.

L-Istati Membri jistgħu jistipulaw aktar regoli dettaljati."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 1(2) għandu japplika mill-1 ta' April 2007.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 4 ta' Ottubru 2006.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni